MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 197/2002

Il-Pulizija
(Spettur L. Agius)

Vs

Jesmond Sant

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-18 ta' Novembru 2000 ghall-habta tal-10.20 a.m. fil-hanut Save & Smile Discount Store, Bridge Street, Mosta, hareg, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, ricevuta li ma kienitx korretta u li kienet tqarraq f'rigward materjali u dan billi indika fuq dik l-

ircevuta bejgh taxxabbli bil-marka E jigifieri ezenti bil-kreditu minflok bil-marka F jigifieri taxxabbli b'rata ta' 15%, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3, u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Settembru, 2002, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998 u l-partiti 1,2,3 u 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-istess Att, ikkundannat lil Jesmond Sant ghall-piena ta' LM200 multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Settembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza fejn sabitu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- illi fil-kamp kriminali kull persuna ghandha twiegeb ghall-eghmil taghha biss u mhux ghall-agir ta' haddiehor . Illi l-appellant ma kienx prezenti ghall-biegh u ma jistax jissorvelja sittax il-impjegat ; Illi l-appellant gab provi bizzejjed tad-"due diligence" tieghu bhala principal ; di fatti hu xehed li l-impjegata n kwistjoni kienet ghadha gdida , li hu jispjega w jharreg lill-impjegati tieghu kif ghandhom johorgu r-ricevuti ; illi l-kaz in ezami kien frott ta' zball genwin , stante li fuq l-ircevuta komputerizzata kollox hareg korrett bil-varji oggetti ben distingwibbli bejn dawk taxxabbli w dawk ezenti , mentri r-ricevuta fiskali harget bl-ammont shih globali. Illi ghalhekk hu m'ghandux jigi ritenut responsabbli ghal zball daqstant genwin da parti ta' persuna ohra . Illi s-serjeta' tal-appellant tohrog bil-fatt li hu spicca ttermina l-impieg tal-impjegata nvoluta peress li baqghet ma dratx u kompliet tikkommetti zbalji simili.

Semghet mill-gdid ix-xiehda fil-kors tas-seduta tas-6 ta' Novembru, 2002 ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur,

Ikkonsidrat ;

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatti li taw lok ghall-prosekuzzjoni odjerna , per se. Di fatti huwa pacifiku li fit-18 ta’ Novembru, 2000, l-kaxxiera mpjegata mall-appellant, fl-istabiliment “Save and Smile Discount Store” , f’ Bridge Street , Mosta, certa Dorothy Borg, kienet ghamlet zewg ricevuti lil wahda mara w cioe’ wahda mill-computer li ma kienetx fiskali u li kienet iddistingwiet bejn l-items ezenti w dawk li ma kienux u ohra li turi t-total tar-ricevuta tal-computer mill-cash register pero’ li kienet turi li dan l-ammont totali kien ezenti, meta fil-fatt il-mara kienet xtrat oggetti li ma kienux ezenti . Din Dorothy Borg kienet irriferithom lill-appellant li dak il-hin kien prezenti fl-ufficju tal-istabiliment u huma kellmuh. Dan kien qalilhom li kien qed jistenna xi “star printers” li kienu baqghu ma waslux . L-appellant kien stqarr maghhom li s-sistema , kif kienet, kienet konfuza .

Illi da parti tieghu l-appellant li xehed kemm quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll quddien din il-Qorti , pprova jiggustifika l-eghmil tieghu billi qali li lill-Dorothy Borg kien impjegha bhala kaxxiera xi gimgha w nofs qabel dan il-kaz. Huma jaghtu gimgha training lil kull kaxxiera mal-aktar kaxxiera li ghandha esperjenza umbaghad ihalluha tahdem wahedha. Din kienet qed tiehu l-izbalji w wara gimghatejn kecciha. Kienet bdiet wahedha mill-jum tat-Tnejn . Hu kien qalilha darba ,tnejn , tlieta li qed taghmel zball . Taha warning, taha tnejn , umbaghad waqqafha. Fil-hanut ikun hemm erba kaxxiera. Kieku kellu joqghod ikeccihom ghal kull zball li jaghmlu , ikun irid l-ETC wara l-bieb !

Ikkonsidrat ;

Li minkejja li l-Qorti ordnat lill-appellant li jesebixxi l-formoli tal-ETC li juru meta Dorothy Borg bdiet l-impieg taghha w meta spiccat u dana fi zmien jumejn mid-data ta’ dik is-seduta, l-appellant naqas li jaghmel dan . Ghalhekk

baqghet ma saritx l-aqwa prova tad-data tal-ingagg u tal-licenzjament tal-imsemmija Dorothy Borg , licenzjament li l-appellant qed jadduci bhala li jikkorrobora s-sottomissjoni tieghu li dan kien zball tal-istess Borg u li bhala persuna attenta w responsabbli, hu kien addirittura kecca lil din Borg mill-impieg minhabba dawn l-izbalji.

Illi jigi notat ukoll li meta l-ispetturi tal-VAT Antoine Theuma w Alison Bezzina kienu rrinfaccjaw lill-appellant b'dak li kien ghadu kif irrizultalhom , dan , dak il-hin , ma hadiex kontra l-impjegata Borg izda qal li kien qed jistenna xi "star printers" minnghand Tabone w stqarr ukoll li kif kienet is-sistema dak iz-zmien , kienet wahda "confusing" .

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Emmanuel Scerri" [30.3.2000] "meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir ...minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata , ghandu jitqies bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dik il-persuna l-ohra kif ukoll mill-persuna registrata . Il-persuna registrata, pero', tista tezimi ruha minn din ir-responsabilta' vikarja JEKK TIPPROVA , IMQAR FUQ BAZI TA' PROBABILTA' (emfasi ta' din il-Qorti) jew (a) li ma kienetx taf u li ma setghetx b'diligenza ragonevoli tkun taf b'dak l-eghmil jew nuqqas jew (b) li tkun ghamlet kull ma setghet taghmel biex izzomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas " . Mela l-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn ic-cirkostanzi w dana almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-grad tal-prova impost fuq l-akkuzat fil-kamp penali , fejn hu tenut li jipprova xi haga . Dan il-kriterju gie addottat bl-istess kliem fid-dispozizzjoni tas-subartikolu (1) tal-artikolu 82 ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap.406) [ara ukoll l-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Victor Sant " 12.12.02]

Illi wara li ezaminat il-provi kollha din il-Qorti mhix sodisfatta li l-appellant ghamel il-prova sal-grad tal-probabilta' li hu ma kienx jaf b'dak li kien qed jigri w li ghamel kollox biex ma jhallihx jigri . Di fatti fl-ewwel lok din il-Qorti mhux konvinta li dak li kien gara meta dahlu l-VAT

inspectors kien xi zball tal-impjegata , ghax l-appellant “a tempo vergine” ma jidhirx li wahhal fiha izda stqarr li s-sistema kif kienet , kienet wahda “confusing” u li hu kien qed jistenna xi “star printers” biex jirmedja ghas-sitwazzjoni. Mela hu kien jaf bil-problema w sadattant baqa’ jopera b’sistema li ma kienetx adegwata w li twettaq dak li trid il-ligi w cioe’ li tinghata ricevuta fiskali korretta li turi kemm l-oggetti ezenti kif ukoll dawk taxxabbli separatament . Illi umbaghad peress li l-appellant naqas milli jesebixxi l-formoli tal-ETC dwar l-ingagg u t-terminazzjoni tal-impieg ta’ Dorothy Borg , din il-Qorti mhux f’pozizzjoni li tara jekk hux veru li effettivament Dorothy Borg kienet ilha tahdem hemm biss gimgha w nofs u li giet illicenzjata proprju xi jiem wara dan l-incident , u li tara l-vera raguni ghala kienet giet licenzjata, jekk giet licenzjata.

Illi ma hemmx dubju li bhala l-persuna registrata mad-Dipartiment tal-VAT , l-appellant kien il-persuna responsabbli li jara li jkollu sistema adegwata biex tkun tista’ tigi osservata l-ligi w li ma tkunx wahda li tikkonfondi w tfixkel lill-impjegati b’mod li , fl-ahhar mill-ahhar, ma tithallasx it-taxxa dovuta li tkun ingabret minnghand il-konsumatur u, b’rizultat ta’ ricevuti fiskali fazulli ,ma tigix mghoddija mill-appellant lid-Dipartiment, kif gara f‘dan il-kaz .

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata .

--------------------------------TMIEM--------------------------------